

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 487/2014**tat-12 ta' Mejju 2014**

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi *Bacillus subtilis* (Cohn 1872) Varjant QST 713, identiku għall-varjant AQ 713, klodinafop, metrafenon, pirimikarb, rimsulfuron, spinosad, tijametossam, tolklfos-metil u tritikonażol

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tagħha,

Billi:

- (1) Il-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ⁽²⁾ tistabbilixxi s-sustanzi attivi meqjusin li ġew approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009.
- (2) L-approvazzjoni tas-sustanzi attivi *Bacillus subtilis* (Cohn 1872) Varjant QST 713, identiku għall-varjant AQ 713, klodinafop, metrafenon, pirimikarb, rimsulfuron, spinosad, tijametossam, tolklfos-metil u tritikonażol se jiskadi fil-31 ta' Jannar 2017. Ġew ippreżentati l-applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-approvazzjonijiet ta' dawn is-sustanzi attivi. Billi r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 ⁽³⁾ japplikaw għal dawk is-sustanzi attivi, huwa meħtieġ li l-applikanti jingħataw żmien biżżejjed biex ilestu l-proċedura tat-tiġdid skont dak ir-Regolament. Għaldaqstant, l-approvazzjonijiet ta' dawk is-sustanzi attivi x'aktarx li se jiskadu qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar it-tiġdid tagħhom. Huwa għalhekk meħtieġ li l-perjodi tal-approvazzjoni tagħhom jiġu estiżi.
- (3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (4) Fid-dawl tal-għan tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, fir-rigward ta' każijiet fejn l-ebda dossier supplimentari skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012 ma jiġi ppreżentat mhux aktar tard minn 30 xahar qabel id-data tal-iskadenza rispettiva stabbilita fl-Anness ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni se tistabilixxi d-data ta' skadenza fl-istess data bħal dik ta' qabel dan ir-Regolament jew fl-eqreb data minn hemm 'il quddiem.
- (5) Fid-dawl tal-għan tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, fir-rigward ta' każijiet fejn il-Kummissjoni se tadotta Regolament li jistipula li l-approvazzjoni ta' sustanza attiva msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament ma tiġġeddidx minħabba li l-kriterji għall-approvazzjoni mhumiex issodisfati, il-Kummissjoni se tistabilixxi d-data ta' skadenza fl-istess data bħal ta' qabel dan ir-Regolament jew fid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament sakemm ma tiġġeddidx l-approvazzjoni tas-sustanza attiva, skont liema data tkun l-aktar tard.

⁽¹⁾ ĠUL 309, 24.11.2009, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 tat-18 ta' Settembru 2012 li jistabilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tiġdid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 252, 19.9.2012, p. 26).

- (6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 hija emendata skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Mejju 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNEX

Il-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 hija emendata kif ġej:

- (1) Fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 123, klodinafop, id-data "31 ta' Jannar 2017" tinbidel bid-data "30 ta' April 2018";
 - (2) Fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 124, primikarb, id-data "31 ta' Jannar 2017" tinbidel bid-data "30 ta' April 2018";
 - (3) Fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 125, rimsulfuron, id-data "31 ta' Jannar 2017" tinbidel bid-data "30 ta' April 2018";
 - (4) Fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 126, tolklofos-metil, id-data "31 ta' Jannar 2017" tinbidel bid-data "30 ta' April 2018";
 - (5) Fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 127, tritikonażol, id-data "31 ta' Jannar 2017" tinbidel bid-data "30 ta' April 2018";
 - (6) Fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 137, metrafenon, id-data "31 ta' Jannar 2017" tinbidel bid-data "30 ta' April 2018";
 - (7) Fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 138, *Bacillus subtilis* (Cohn 1872) Varjant QST 713, identika għall-varjant AQ 713, id-data "31 ta' Jannar 2017" tinbidel bid-data "30 ta' April 2018";
 - (8) Fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 139, spinosad, id-data "31 ta' Jannar 2017" tinbidel bid-data "30 ta' April 2018";
 - (9) Fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 140, tijametossam, id-data "31 ta' Jannar 2017" tinbidel bid-data "30 ta' April 2018".
-